Minuti tar-4 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Hamis 23 ta' Mejju, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Apap Attard |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-3 laqgha.**

1.1 Il-Minuti gew approvati unanimament u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv.**

2.1 Is-Sindku spjega illi wara l-ahhar laqgha rrizulta li Johanna Caruana mhix eligibbli biex tinhatar bhala deputat Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku spjega illi wara li giet studjata s-sitwazzjoni gie deciz li tkun proposta l-iskrivana tal-Kunsill Emily Amatulli Depasquale. Hawnhekk Lisa Marie Brooke irtirat mil-laqgha minhabba nteress familjari. Gie spjegat li Ms Amatulli Depasquale gie avvicinata u hija nteressata u min naha tad-Dipartiment Gvern Lokali jidher li dan huwa possibbli. Il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lid-Dipartiment biex Ms Amatulli Depasquale tinhatar Deputat Segretarju Ezekuttiv biex tokkupa din il-kariga sakemm is-Segretarju Ezekuttiv ma tkunx tista' tagixxi.

2.2 Il-Sindku qajjem il-punt ghad-diskussjoni dwar l-iskala tal-iskrivan fi hdan il-Kunsill. Kien deciz li huwa mehtieg skrivan fi Skala 11 minflok fl-iskala 13 kif inhi fil-prezent. Ser jigi verifikat il-process li jrid jigi segwit biex jinhatar skrivan fi Skala 11.

2.3 Lisa Marie Brooke issejhet lura ghal-laqgha.

**3.0 Ittra ta' Direzzjoni.**

Gie spjegat illi din hija l-ittra/rapport li l-awdituri jipprezentaw ta' kull sena wara l-process tal-awditjar. Kopja taghha inghatat lill-membri

kollha. Gie spjegat illi din qed tigi trattata mal-*accountant* biex tithejja u tintbaghat ir-risposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.0 Rapport Annwali Amministrattiv.

4.1 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2012 gie pprezentat lill-Kunsill, fejn gie spjegat il-kontenut tieghu u kopja tieghu nghatat lill-membri kollha.

## 5.0 Offerti 02-13 (Infiorata) u 03-13 (Telephone Boxes) li jaghlqu fit-23 ta' Mejju fl-10.00am.

5.1 Offerta 02-13 – Hawnhekk gew sottomessi zewg offerti wahda mill-Kumitat Festi Esterni ghat-tpoggija tal-fjuri tal-Infiorata ghall-prezz ta' €1000 u l-ohra minghand Agriproducts Ltd. ghall-provvista' tal-fjuri. Il-Kunsill qabel ma dawn iz-zewg offerti. Bhala kwantita' ta' fjuri ghandha tinzamm mal-limiti tal-budget ghall-Infiorata li huwa ta' €5230 inkluz l-elf Euro tat-tpoggija. Bhala dizinn il-Kunsill qabel li jitlob lill-Kumitat Festi Esterni biex dan jithejja wkoll min naha taghhom bhala parti mis-servizz. Il-Kunsill iddiskuta l-problema li r-rih jerfa' t-tapit tal-Infiorata u jharbat id-dizinn tal-fjuri. Biex din il-problema tkun eliminata l-Kunsill qabel illi ghandu jsir frame tal-hadid mad-dawra.

5.2 Offerta 03-03 – Hawnhekk giet sottomessa offerta wahda minghand Anton Zarb b'zewg ghazliet. *Option 1* ghal *telephone boxes* tal-*cast iron* ghall-ammont ta' €15,100 u *Option 2* ghal *telephone boxes* tal-*isteel* ghall-ammont ta' €8,500. Il-Kunsill accetta l-offerta *Option 2* ghall-ammont ta' €8,500. Dan l-ammont huwa ekwivalenti ghall-ghotja li kiseb il-Kunsill mill-iskema ta' finanzjament ta' postijiet storici zghar biex isiru dawn it-*telephone boxes*.

## 6.0 Festa Gharb 2013 – Permessi.

6.1 Il-Kunsill iddiskuta l-hrug ta' permessi ta' kiosks ghall-festa 2013. Il-Kunsill qabel li ghandha tintuza l-istess procedura u postazzjoni tas-sena precedenti.

6.2 Peress li fi Triq Trux u fil-Pjazzetta sar tarmak/pavimentar gdid il-Kunsill qabel li ghandhom isiru t-toqob tal-arbli kif ukoll dawk tal-giggifogu fil-Pjazzetta. B'kollox iridu jsiru madwar 43 toqob u jinxtraw il-covers taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandhom jingabru xi kwotazzjonijiet biex isir ix-xoghol bl-irhas prezz possibbli.

6.3 Giet trattata l-istedina mill-Arcipriet lill-Kunsill ghac-celebrazzjoni tal-Festa Liturgika tal-Vizitazzjoni li ser issir fil-31 ta' Mejju fis-7.00pm.

6.4 Giet trattata talba mill-Arcipriet ghal ghajnuna biex jittella kuncert ta' muzika sagra il-Hadd 30 ta' Gunju. Biex jittella' dan il-kuncert hija nvoluta s-somma ta' €500.00. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba fejn is-Sindku spjega illi l-budget huwa kommess fuq inizjattivi ohra ghalhekk li jista' jsir huwa li l-Kunsill jipprova jsib sponsor biex jghin din l-attivita' ssir. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi m'hemmx fondi mahsuba ghal din l-attivita' apparti li kien hemm tnaqqis fl-allokazzjoni u ghalhekk jinhtieg li ssir revizjoni fil-budget biex tirrifletti dan it-tnaqqis. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprova jghin biex tittella din l-attivita' izda iridu jinstabu l-mezzi u l-ammont ta' ghajnuna ghadu mhux stabbilit.

**7.0 Jum l-Gharb 2013.**

7.1 Il-Kunsill qabel li ghandhom jintbaghtu l-ittri lill-ghaqdiet lokali sabiex ikunu jistghu iressqu n-nomini taghhom ghall-premjijiet ta' Jum l-Gharb.

7.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar laqgha li kien mistieden sabiex jattendi mal-kumitat u *chairman* tal-Kultura ghal Ghawdex. Is-Sindku ppropona illi dan il-kumitat ghandu jkun involut fl-ghazla tal-Gharb *Gozitan Cultural Award* 2013. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.3 Il-Vici Sindku ssuggerixxa illi n-nominazzjonijiet ghall-premjijiet relatati ma Jum l-Gharb ghandhom ikunu miftuha ghar-residenti kollha. Il-Kunsill qabel unanimament, ghalhekk ghandu jsir avviz fin-*newsletter* il-Pjazza.

7.4 Il-programm ta' Jum l-Gharb ser ikun jinkludi esebizzjoni ta' drama mill-istudenti tas-*summer camp.* Il-Kunsill qabel li ghandu jistampa l-flyers relatati mas-*summer camp* ghall-prezz ta' €94.50 minn Portelli Print.

**8.0 Applikazzjoni Mizura 125.**

Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni Mizura 125 mnedija mill-*Gozo Action Group* li taghlaq fl-ahhar ta' Mejju fejn gew trattati l-lista ta' toroq li gew kunsidrati eligibbli mill-Awtorita' ta' Gestjoni wara li kienet saret l-applikazzjoni ta' espressjoni ta' interess mill-Kunsill precedentment. Gie spjegat illi l-ammont massimu li l-Kunsill jista' jibbenefika huwa ta' €30,000 u jrid jaghmel ko-finanzjament ta' 10%. Gie spjegat ukoll li l-priorita' skond kif sottomessa fl-espressjoni ta' interess ma tistax tinbidel sakemm ma jkunx hemm xi direzzjoni ohra min naha tal-*Gozo Action Group.* Il-lista' ta' toroq approvati skond il-priorita' hija Wied ir-Raghab, Triq San Dimitri sa Triq Trux, ta' Maxwell, tal-Blajjet, tal-Perwilin u tal-Helu. Is-Sindku spjega li wara laqgha fuq il-post li kellu ma ufficjali tal-Ministeru ghal Ghawdex kien

hemm ftehim verbali illi t-toroq ta' Wied ir-Raghab, ta' Cini u ta' Hris ser isiru mill-Ministeru ghal Ghawdex billi l-Ministeru jipprovdi l-konkos u l-haddiema tal-Kunsill jaghmlu x-xoghol u ghalhekk peress li t-triq ta' Wied ir-Raghab kienet l-ewwel priorita' il-Kunsill ghandu jara x-toroq ghandhom isiru mill-Mizura125 kemm 'il darba jirrizulta li tkun tista' tinbidel il-priorita'. Emanuel Muscat insista illi l-applikazzjoni Mizura 125 ghandha xorta wahda ssir ghat-triq ta' Wied ir-Raghab. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill qabel illi jekk jigi konfermat mill-Ministeru ghal Ghawdex li t-triq ta' Wied ir-Raghab ser issir min naha tal-Ministeru u kemm il darba tkun tista' tinbidel il-priorita' ghandu japplika ghal parti minn San Dimitri (il parti li mhux ser issir permezz tal-PPP) u tal-Helu mill-Mizura 125. Jekk le ghandha ssir l-applikazzjoni ghat-triq ta' Wied ir-Raghab.

**9.0 Skeda ta' hlasijiet.**

9.1 Il-Kunsill approva l-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti. Din l-iskeda kienet aggornata minn dik li giet cirkulata qabel il-laqgha fejn gew inkluzi l-ahhar zewg pagamenti ta' Michael Mizzi u Mepa.

**10.0 Korrispondenza u materji ohra.**

10.1 Saret diskussjoni dwar l-applikazzjoni tal-*landscaping* taht Mizura 413.4 li tinkludi mizuri ta' *landscaping* f'Wied il-Mielah u l-Pjazez Praga, Santu Pietru, Gerano, Triq il-Knisja, Pjazza Zjara tal-Madonna u pjazzetta hdejn ic-Centru kif ukoll *water catchment* hdejn il-ground tal-futbol. Gie spjegat illi biex tkompli tigi processata din l-applikazzjoni kien jinhtieg li jsiru 4 applikazzjonijiet DNO lill-Mepa ghall-ammont ta' €480.00. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel ukoll illi peress li Pjazza Gerano saret minn finanzjament iehor, ghandha ssir talba biex flok Pjazza Gerano jsir il-pavimentar tas-Sqaq hdejn l-ex kunvent tas-sorijiet.

10.2 Il-Kunsill qabel li bhalma jsir kull sena lejn dan iz-zmien ghandhom jinghalqu t-tappieri tal-kanal tal-ilma fil-Pjazza minhabba r-riha.

10.3 Giet diskussa l-proposta tal-Green MT li l-iskart tar-reciklagg jibda jingabar dartbejn fil-Gimgha nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tigi ntrodotta din l-iskema ta' gbir ta' skart fejn l-iskart normali jingabar fil-granet tat-Tnejn, Hamis u Sibt fix-Xitwa u Tnejn, l-Erbgha, Hamis u s-Sibt fis-Sajf. Gie spjegat illi wara li saret diskussjoni mar-rapprezentanti tal-KIP dawn ma accettawx li jnaqqsu r-rata tat-*tender* il-gdida ghalhekk il-kuntratt il-gdid ser ikun bir-rata ta' €45.00 kull gurnata ta' gbir. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ffirmat il-kuntratt il-gdid tal-gbir tal-iskart domestiku.

10.4 Saret diskussjoni dwar is-servizz ta' *open-skip* ta' nhar ta' Sibt fejn gie spjegat illi l-kuntrattur qed jipprovdi zewg skips kull nhar ta' Sibt fiz-zona ta' hdejn il-ground tal-futbol. Gie sjegat illi fl-ahhar Sibt dawn l-iskips kienu mimlija u wara l-hin tas-servizz xi hadd iddepozita sufan u saqqu fiz-zona ta' hdejn il-Muzew. Is-Sindku spjega illi huwa rrapporta lil tal-*bulky refuse* u dawn ingabru.

10.5 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir mera tat-traffiku faccata tas-Sqaq tal-ex kunvent tas-sorijiet. Jekk ma hemmx permess ezistenti ghal din il-mera ghandha ssir talba lil Transport Malta.

10.6 Giet trattata l-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn intalbu l-kummenti tal-Kunsill dwar ilment li deher fuq il-gazzetta fir-rigward tas-servizz tal-knis. Il-Kunsill iddiskuta dwar ilment li kien hemm fir-rigward ta' Triq il-Knisja u kif dan kien indirizzat. Il-servizz tal-knis qed jinghata kemm permezz tal-kuntratt tal-knis kif ukoll permezz ta' haddiema assenjati. Ser issir risposta lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'din ir-rigward.

10.7 Giet trattata l-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn intalbu l-kummenti tal-Kunsill dwar ilment li deher fuq il-gazzetta u korrispondenza relatata fir-rigward ta' bankina ta' Pjazza Zjara tal-Madonna k/m Triq Dun Alwig Mizzi. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fejn il-hsieb huwa li l-bankina terga' ssir meta jitkomplew ix-xogholijiet f'din il-parti tat-triq minn fejn ghad trid tghaddi trinka tal-Enemalta. Id-Dipartiment ser jigi nfurmat f'dan ir-rigward u li huwa kemm xejn difficli li x-xogholijiet jissoktaw fil-prezent peress li din it-triq bhalissa qed isservi ta' triq principali ghat-traffiku ta' San Lawrenz. Is-Sindku spjega illi kull darba li qed jinhareg permess ghal xi xoghol fi Triq il-Madonna tal-Virtu' u l-parti ta' ma genb il-Knisja dan qed jinvolvi lill-Kunsill hafna xoghol peress li din it-triq fil-prezent qed tilqa' t-traffiku kollu ta' San Lawrenz u d-Dwejra. Ghalhekk kull darba l-Kunsill ikun irid jinnotifika lill-partijiet kollha involuti inkluz operaturi ta' servizzi ta' transport, tal-barrieri, tal-gas ecc.

10.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ricentement twahhlet bollard f'Wied il-Mielah li qed tikklassifika iz-zona bhala Quality Coastal Zone. Din saret bhala parti minn progett ta' certifikazzjoni internazzjonali li ha sehem fih id-Direttorat tat-Turizmu fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex.

10.9 Giet trattata l-korrispondenza mill-Joint Committee for Law Enforcement – Gozo Joint Committee dwar twaqqif tal-Operat ta' dan il-kumitat. Wara li ddiskuta l-kontenut ta' din il-korrispondenza l-Kunsill qabel illi mhux f'pozizzjoni li jaccetta li jiffirma l-kuntratt li qed jigi propost mad-Datatrak jekk il-Kunsill ser ikollu jsostni s-servizz tal-gwardjani lokali, peress li l-Kunsill mhuwiex f'qaghda li jsostni dan is-servizz.

10.10 Gie trattat ilment minghand Grace Pace fir-rigward ta' accessibilita' fil-latrini ta' Pinu. Il-Kunsill qabel li peress li minn mindu saret it-triq tnehhiet ir-rampa u l-bankina giet aktar gholja, ghandu jikteb lill-Ministeru ghal Ghawdex biex ir-rampa terga' ssir. Dwar il-punti l-ohra msemmija s-Sinjura Pace ghandha tkun infurmata li ser issir latrina gdida.

10.11 Giet trattata l-korrispondenza segwenti:

10.12 Mill-Mepa dwar is-suppliment Outlook.

10.13 Carmen Vella talbet li tkun skuzata u telqet hin 6.35pm.

10.14 Minn Edward Attard dwar il-ktieb dwar John F. Kennedy. Il-Kunsill qabel li jekk dan huwa utli ghal librerija ghandha tinxtara kopja tieghu ghal-librerija.

10.15 Mill-Ufficju tal-Kummissarju ghat-tfal dwar Rights 4U Courses.

10.16 Minghand Solar Engineering dwar skont fuq sistemi ta' PV's u Solar Water Heaters.

10.17 Mill-bank centrali ta' Malta dwar it-tieni serje ta' *euro banknotes*.

10.18 Mill-PPCD fejn il-Kunsill intalab jirrikonferma l-interess fl-applikazzjoni tieghu 'Gharb Civic Centre: Improving the Quality of Life of the Local Community'. Dan l-interess gie kkonfermat.

10.19 Minghand Apex Business Services Ltd. fejn giet irtirata l-offerta M313-01 ghall-Project Management progett M313. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti mal-Awtorita' ta' Gestjoni dwar uzu tal-fondi li kienu vvutati ghall-*project management* peress li parti kbira minn dan il-progett issa hija mplimentata u x-xoghol ta' *management* sar mill-Ufficju tal-Kunsill.

10.20 Mid-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali, dwar registrazzjoni tal-*Footsteps Childcare Centre*.

10.21 Talba mill-Arcipriet flimkien mal-JP2 foundation biex tittella attivita' kulturali il-Hadd 19 ta' Mejju fejn intalbet l-ghajnuna tal-Kunsill. Gie spjegat illi din it-talba giet irtirata mill-Arcipriet innifsu.

10.22 Minghand Arjakon dwar manutenzjoni ta' sistema ta' arja kundizzjonata.

10.23 Mill-Kap tal-Partit Nazzjonalista l-Onor. Lawrence Gonzi ringrazzjament ghall-awgurju tal-Kunsill.

10.24 Minghand Andrew Vassallo dwar prodotti li joffru.

10.25 Minghand TCTC dwar il-*launch* tal-progetti 2013-2014.

10.26 Minghand Daystar rigward servizzi turistici li joffru.

10.27 Mill-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin rigward 'Bidu Gdid – Kunsill ghall-Maltin li jghixu Barra minn Malta'.

10.28 Minghand Andrew Vassallo Ltd. fir-rigward tal-prodott Ultra Crete.

10.29 Mill-Yellow Pages dwar *listing* tal-Kunsill ghal fuq Yellow Pages 2013 ghall-prezz ta' €62.30. Il-Kunsill qabel li jaghmel dan ir-reklam.

10.30 Mill-Allcare Insurance Brokers dwar Certifikati ta' Shubija tal-Kunsill taht il-Group Health Insurance 2013.

10.31 Minghand l-NSTS fir-rigward ta' opportunita' ta' erba gimghat tahrig b'xejn ghal zghazagh bla xoghol gewwa l-Ingilterra.

10.32 Minn Info Nitrates Life+ Project Manager dwar laqgha ghall-bdiewa li ser issir fl-Gharb fis-6 ta' Gunju, 2013, fejn il-Kunsill intalab il-permess biex issir din l-attivita' kif ukoll jindika sit fil-miftuh fejn tista' ssir. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni biex issir din l-attivita' u jissuggerixxi li din issir fiz-zona tal-leisure park peress li l-Pjazza fil-prezent hija traffikuza hafna.

10.33 Minn Transport Malta *no objection* biex issir mera fi Triq Frenc ta' l-Gharb u *bollards* quddiem ir-residenza 163, Triq il-Knisja.

10.34 Mill-Mepa ittra ta' awgurju u stedina biex issir laqgha ta' diskussjoni dwar problemi ta' ambjent u ppjanar fil-lokalita'.

10.35 Mill-MEPA fir-rigward tal-applikazzjoni DNO 00458//13 – *To install light fittings to illumination of chapel and related structures.* Hawnhekk giet diskussa l-illuminazzjoni tal-kumpless taz-Zejt u l-issue tal-Mepa. Gie spjegat ukoll illi l-gate mistennija tehel b'mod imminenti u b'hekk il-progett ta' restawr ikun maghluq. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir pavimentar tal-konkos quddiem id-dahla tac-cimiterju mill-fondi tal-Kunsill.

10.36 Gie spjegat illi ntalbu xi kwotazzjonijiet ghal *bollards* biex jehlu matul it-triq ta' Wied il-Mielah f'toqob li ga jezistu. Peress li mhux il-kwotazzjonijiet kollha ghadhom ingabru, il-Kunsill qabel li dawn ghandhom isiru bl-irhas kwotazzjoni.

10.37 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar hofra fi Triq Birbuba lejn San Dimitri u ohra fi Triq Karmni Grima. Dawn huma hofor tal-WSC. Is-Sindku spjega illi huma ilmenta mal-WSC peress li huma ma jaqtghux il-hofor bis-siega u waqqafhom milli jkomplu jaghmlu x-xoghol b'dan il-mod.

10.38 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-PPP fejn gie spjegat illi ghadu ghaddej ix-xoghol min naha tal-Perit flimkien mal-kuntrattur biex il-kontijiet tax-xogholijiet fi Triq il-Knisja u Triq Trux ikunu konkluzi u ghalhekk jinhtieg li l-Kunsill jistenna li dawn ikunu finalizzati u maqbulin mal-kuntrattur sabiex ikun jista' jipprosegwi bix-xogholjiet skond il-fondi disponibbli.

10.39 Emanuel Muscat staqsa jekk hemmx xi kuntrattur li ghandu xi kontijiet pendenti mal-Kunsill. Gie spjegat illi hemm kontijiet pendenti kemm ta' xogholijiet maghluqa kif ukoll ta' xogholijiet li ghadhom mhux maghluqa u s-Sindku talab lis-sur Muscat jindika ghal min qed jirreferi biex ikun jista' jinghata twegiba. Muscat qal li huwa qed jistaqsi biss.

**Pagna 8 Minuti tar-4 laqgha**

10.40 Il-Kunsill iddiskuta xogholijiet li saru ricentment fil-Wied ta' Jodros. Kien spjegat illi fil-passat kien inhareg *enforcement* notice dwar xogholijiet simili fl-istess post. Il-Kunsill ma kienx involut fix-xogholijiet li saru fil-Wied.

**11.0 Aggornament.**

11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm fit-13 ta' Gunju, 2013 hin 4.45pm.

Il-laqgha spiccat hin 6.55pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv